MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta ta' l-10 ta' Jannar, 2008

Numru 1048/2006

**Il-Pulizija**
**(Spt. Joseph Mercieca)**
**vs**
**Emanuel Abela**

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjoni migjuba kontra **Emanuel Abela** ta’ 37 sena, bin Lawrence u Emanuela nee’ Demarco, mwieled Tarxien fit-22 ta’ Jannar, 1969, residenti Flat 1, *unmarked block* Triq Wied Glavan, Xghajra u detentur tal-karta ta’ l-identita’ bin-numru 84769(M):

Inizjalment l-imputat kien akkuzat flimkien ma Tonio Caruana u ghalhekk l-akkuza kienet taqra bil-mod segwenti:

Talli f’dawn il-Gzejjer, fil-11 ta’ Mejju, 2006, ghall-habta tal-11.30am, u/jew wara din id-data, xjentement, ilqajtu

ghandkom jew xtrajtu hwejjeg misruqa, mehuda b'qerq, jew akkwistati b'reat u cioe' telefon cellulari tal-marka Motorola V3, li jiswa iktar minn mitt lira izda inqas minn elf lira jew xjentement, b'kull mod li jkun, ndhaltu biex tbieghhuh jew tmexxuh.

Int, Emanuel Abela, wahdek, akkuzat talli fl-istess dati, hinijiet, postijiet u cirkostanzi rrendejt ruhek recidiv ai termini 49, 50 u 289 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta' Malta.

Rat il-kunsens tal-avukat generali u n-nuqqas ta' oggezzjoni tal-imputat sabiex il-kaz kontra tieghu ikun trattat u deciz bil-procedura sommarja;

Semghet il-provi;

Rat l-atti kollha tal-kawza;

Ikkunsidrat:

Illi l-prosekuzzjoni wasslet biex tressaq lill-imputat sabiex iwiegeb ghal dawn l-akkuzi wara li kienet traccat telefon cellulari li kien insteraq waqt hold up f' La Collina Supermarket, f'Marsaskala fit-12 ta' Mejju, 2007. Dan it-telefon kien instab ghand certu Tonio Caruana, ko-akkuzat f'dawn il-proceduri li informa lill-Pulizija li kien xtara l-istess minghand l-imputat Noel Abela. Meta kien mitkellem mill-Pulizija, l-imputat qal li hu kien xtara dan it-telefon minghand certu Michael Micallef maghruf bhala t-Tikka, liema persuna kienet gia investigata dwar il-hold up fuq imsemmi. L-imputat kien ukoll ikkonferma li kien hu li biegh it-telefon lill-Tonio Caruana.

Tonio Caruana, li kif fuq indikat, kien ko-akkuzat f'dawn il-proceduri li ntemmu fil-konfront tieghu b'sentenza wara amminssjoni, xehed illi kien xtara it-telefon minghand l-imputat bi prezz ferm inqas milli jiswa u li l-imputat kien avzah li dan kien misruq.

L-imputat xehed illi waqt li kien gewwa hanut tal-kafe' fejn l-Isptar, kien semgha lil Michael Micallef jghid li kellu zewg telefons ghal-bejgh u beda jistaqsi lin-nies min ried

jixtrihom.  L-imputat qallu li kien jaf lil xi hadd li ried jixtri telefon u li kien ser jinfurmah aktar tard.  Meta ikkonfermalu li t-terz xtaq it-telefon, l-imputat hadu minghand Micallef u ghaddieh lil Caruana.  L-imputat jghid li Micallef mhux talli ma avzahx li dan kien misruq izda qallu li kien tat-tifla tieghu.  Caruana kien hallas Lm45 ghal dan it-telefon u l-involviment tal-imputat kien li jghaddi t-telefon lil Caruana u l-flus lil Micallef.  L-imputat cahad li kien wissa lil Caruana it-telefon kien misruq u ma jafx ghaliex dan xehed hekk.  Hu qal li l-hsieb tieghu kien li jaqla' hames liri minghand Micallef izda spicca biex ma ha xejn.

Ikkunsidrat:

Illi l-allegazzjoni tal-prosekuzzjoni hija kontradetta mill-imputat li ghazel li jiehu l-pedana tax-xhud.  L-imputat jikkonferma illi dan it-telefon spicca ghand Caruana ghaliex kien il-medjatur bejnu u bejn Micallef.  L-imputat jghid li Micallef infurmah li t-telefon kien tat-tifla tieghu u cahad li kien wissa lil Caruana li dan kien provenjenti minn serq.  Il-verzjoni ta' Caruana jehtieg li tkun korroborata min xhieda estranja stante li dan kien ko-akkuzat.  L-unika evidenza f'dan ir-rigward huwa t-telefon innifsu u l-prezz li bih inxtara min Caruana, izda dwar dan hemm id-dubju sollevat mill-imputat li jghid li kellu ic-certezza ta' Micallef li dan kien jappartjeni lil bintu.  Din il-verzjoni kienet gia inghatat mill-imputat fl-istqarrija tieghu.

Illi l-element intenzjonali tar-rejat ta' ricettazjoni huwa x-xjenza tal-agent li kien jaf jew li messu ragjonevolment kien jaf li l-oggett kien provenjenti minn serq.  Il-gurisprudenza nostrana tghallimna li min kellu suspett li l-oggett materjali kellu provenjenza illecita u ma jindagax aktar, anzi jieqaf hemm, huwa hati ta' ricettazzjoni jekk jaccetta jew jindahal biex jinbiegh dak l-oggett.  Fil-kaz in dizamina, l-imputat jinsisti li Micallef qallu li t-telefon kien tat-tifla tieghu u li dan ried hamsin lira tieghu.  Il-Qorti ma tistax tinjora din id-deposizzjoni tal-imputat u tqis illi fl-insenjament mill-Qrati taghna, l-imputat ma kienx passiv fl-indagini tieghu meta indaga dwar il-provenjenza;

Ghal dawn il-mottivi ma ssibx lill-imputat hati u tilliberah

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------